# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 6

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

Il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Dorian Sciberras – Viċi Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina, tas-Sur Guido Dalli u tas-Maximillian Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l- ittri ta' apoloġij.

## 6.2 Sejħa għal Servizz ta' Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-Fondi ta' l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

6.2.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, b'referenza għal din is-sejħa huwa spjega kif għalkemm fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex it-tielet evalwatur ikun is-Sur Anthony Chircop, dan ir-Reġjun kien ġie nfurmat mid-DGL li l-membri tal-kumitat għandhom jippresedju biss.

6.2.2 Is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri preżenti li għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun għandhu jinnomina persuna oħra sabiex ikun evalwatur. Kien għalhekk li kellha tiġi msejħa laqgħa urġenti sabiex dan l-evalwatur ikun appontat waqt laqgħa tar-Reġjun qabel d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa.

6.2.3 Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa lis-Sur Ray Pellicano għall-approvazzjoni tal-membri sabiex ikun l-evalwatur.

6.2.4 Is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet fejn spjega li l-ammont totali ta' siegħa ser tkun ta' €159.30, bil-VAT inkluża.

6.2.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

6.2.6 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, staqsa jekk din hux qed tiġi ikkontesta b'xi mod. Huwa spjega kif din hija spiża fuq il-Kunsill b'mod speċjali meta jinħarġu numri kbar ta' *tenders*. Fil-każ tal-Kunsill tiegħu, huwa spjega kif l-evalwaturi kellhom jissejħu darbtejn peress li riedu jkollhom klarifika qabel ma jkunu jistgħu jmexxu. Żied jgħid ukoll kif anke l-ammont ta' kemm ikun hemm offerti għal sejħa waħda tkompli żżid problema peress li l-ħin biex tevalwa numri ta' *bidders* tiegħu aktar żmien u allura l-ispiża tikber.

6.2.7 *5:40pm – is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manché, wasal għal din il-laqgħa.*

6.2.8 Il-President, spjega li peress li din hija direttiva mid-DGL, ir-Reġjun ikollu jimxi skond ma li hemm miktub peress li jekk dan ma jsirx, din is-sejħa taf titwaqqaf.

6.2.9 Il-President staqsa jekk kienux raw l-konferenza stampa li kienet saret aktar kmieni dik il-ġimgħa ms-Segretarju Parlamentati, is-Sur Silvio Parnis, fejn tkellem ħafna dwar l-irwol li

ser jingħata lir-Reġjuni.

6.2.10 Kien hemm diskussjoni qasira dwar x'ser isiru mir-Reġjuni.

## 6.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-5:55pm u l-President fakkar lill-membri preżenti li, hekk kif kien deċiz fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, il-laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 21 ta' Marzu, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |